MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2015

Numru 1/1

**Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Magatte Sall**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Magatte Sall u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Taljana bin-numru AK 8876304

Akkuzat talli nhar l-10 ta’ Mejju, 2015 gewwa tas-Sliema u fi bnadi ohra gewwa l-gzejjer Maltin iggestixxa attivita’ kummercjali minghajr licenzja tal-awtorita’ kompetenti, meta din il-licenzja hia mehtiega minn ligi jew regolamenti maghmulin mill-awtorita’ kompetenti bis-sahha ta’ dik il-ligi.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f’-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta’l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 10(1)(a)(b) tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hatu ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------